**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anne Marie Xuereb]**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru: 917/11**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 538774M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu fix-xahar ta' Dicembru 2010, jew fix-xhur ta' qabel, kixef sigrieti li kienu gew fdati lilu minhabba l-istat, professjoni jew karigu tieghu:

> Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li kien gie fdat lilu jew li kien gie maghruf minnu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b'xi mod ghen biex jigi maghruf.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvediment tal-Artikolu 140 tal-Kap. 140 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta' l-kunsens tieghu illi dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda prodotti.

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta fuq allegat kxif ta' sigrieti fit-*tender* ghall-kostruzzjoni ta' *family park* gewwa Marsascala u fejn l-imputat Joseph Mifsud kien qed jigi allegat li bhala impjegat tal-Wasteserv ta xi informazzjoni lil wiehed mill-offerenti illi l-offerta tieghu kienet ser tigi skwalifikata mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

Dan sar permezz ta' talba ghall-investigazzjoni mid-Direttur Generali Francis Attard lil Kummissarju tal-Pulizija datata erbatax (14) ta' Dicembru elfejn u ghaxra (2010). Pero` din it-talba ghall-investigazzjoni ma saritx originarjament fil-konfront tal-imputat Joseph Mifsud izda fuq impjegat iehor Alfio Sciberras.

Rat il-kuntratt ta' kunfidenzjalita` iffirmat mill-membri tal-Bord tal-aggudikazzjoni fosthom l-imputat a fol 30 tal-process u fejn huwa ddikjara illi ser ikun imparzjali u li mhux ser johrog l-ebda tip ta' informazzjoni dwar l-aggudikazzjoni.

Rat l-istqarrija tal-imputat li nghatat skont il-ligi u bil-kawteli kollha u din hija datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru elfejn u ghaxra (2010) fejn fost l-ohrajn l-imputat innega kompletament l-involviment tieghu fuq xi allegat hrug ta' informazzjoni lil wiehed mill-offerenti u li qatt tkellem ma' Alfio Sciberras rigward it-*tender*.

Rat ix-xhieda ta' **Vincent Borg** illi fix-xhieda tieghu datata sittax (16) ta' April elfejn u tnax (2012) iddikjara kif sar jaf bl-informazzjoni u cioe` li huwa rcieva telfonata anonima minn ragel li kien qallu li il-konsorzju tieghu bl-isem **Three Bees JV** kien tilef l-aggudikazzjoni u kienu gew skwalifikati. Huwa kkonferma l-korrispondenza mibghuta minnu lil Francis Attard.

Semghet ix-xhieda ta' **Francis Attard** fejn huwa spjega kif kienet il-procedura tat-*tender* u jghid hekk:

> *"Mela biex naghti daqsxejn background dan huwa tip ta' tender dak li nsejhulu ta' tliet (3) pakketti jigifieri li l-offerti jridu jigu fi tliet (3) pakketti differenti. L-ewwel pakkett ikun hemm garanzija bankarja, t-tieni pakkett ikun hemm l-offerta teknikka u t-tielet pakkett ikun hemm l-offerta finanzjarja. L-evalwazzjoni ssir fi stadji. Hawnhekk ir-rapport in kwistjoni ikun evalwa l-offerta teknika u minn dik l-evalwazzjoni kien qed jigi rakkomandat illi l-offerta ta' zewg (2) bidders Three Bees Joint Venture u Road Network Joint Venture jigu skwalifikati u jinfetah l-offerta finanzjarja ta' l-offerti l-ohra li kien ghad fadal fil-process".*

Hareg ukoll illi ir-rapport ta' rakkomandazzjoni jigi mibghut mis-segretarju tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni lid-Direttur tal-Kuntratti u cioe` lilu stess u dan isir jew bil-posta jew bl-idejn. Dan jghid ukoll illi din il-korrispondenza tmur ghand ir-

*Registry* fid-Dipartiment tal-Kuntratti u hemmhekk tinfetah qabel ma effettivament tmur ghandu.

Xehed ukoll **Alfio Sciberras** fejn dan qal li kien jahdem fl-istess ufficcju tal-imputat u darba wahda staqsih f'hiex kien wasal il-process tal-aggudikazzjoni u hu kien qallu li zewg offerenti kienu gew skwalifikati li wiehed minnhom kien Bonavia. Hareg ukoll li dan ix-xhud kien tkecca ftit jiem qabel ma tqajjmet din il-kwistjoni.

Dan jghid ukoll illi fl-ufficini ta' fejn kien jahdem hu kien hemm *printer* wiehed komuni u li hu ma kellux ufficcju u kien jissellef minn ta' haddiehor bhal per ezempju *computer* u facilitajiet ohra. Irrizulta li dan kien jahdem il-Wasteserv ghal tlett (3) xhur biss.

Xehed is-segretarju tal-*Evaluation Committee* u cioe **Joseph Bezzina** fil-hdax (11) ta' Gunju elfejn u hdax (2011) fejn dan ukoll kien jahdem il-Wasteserv u kkonferma illi l-ufficini tal-Wasteserv kienu miftuhin ghal kulhadd u fil-fatt l-imputat kellu erba' (4) persuni ohra mieghu u meta riedu jipprintjaw xi haga kien hemm printer fil-*common area* u kull dokument kien johrog minn hemmhekk ghal kullhadd. Huwa jghid ukoll illi ghalkemm huwa kien izomm id-dokumenti kunfidenzjali tat-*tenders* li dawn kienu jinzammu f'*lockers* li kienu jissakkru b'cavetta, hareg illi ic-cwievet kollha jifthu kollox u ghalhekk xi haga li kellha tinzamm mistura u sigrieta ma kienitx ghal kollox hekk.

Mix-xhieda tal-**Perit Robert Grech** hareg punt interessanti dwar il-laqghat tal-Kumitat u cioe`:

> *"F'dak iz-zmien kellna problema ta' spazju, appropriate space biex inkunu nistghu nevalwaw it-tenders, fil-fatt ftit xhur wara li sehh din il-bicca tellajna sular shih gdid. Il-problema kienet liifhimni dan kien ahna jkollna evaluation ta' tenders kwazi kontinwament, tenders kbar, tenders zghar etc. Kien hemm tenders li evalwajnihom fil-kitchenette. Kien hemm tenders, ifhimni ma kellniex spazju allura kull spazju li nippruvaw insibu biex nevalwaw tender ma kienitx procedura sura li tevalwa tender go kitchenette, aktar u aktar meta dan it-tender ghax bhal dan it-tender gie li ghamilna two (2) to three (3) months biex nevalwawh, jigifieri mhux xi haga ta' dakinnhar".*

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Joseph Mifsud** fis-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar elfejn u sittax (2016) fejn huwa spjega illi peress li l-Wasteserv kienet ghadha tibda kien hemm nuqqas kbir ta' sigurta` fuq affarijiet ta' natura konfidenzjali. Hareg ukoll illi Alfio Sciberras kien dahal jahdem fuq rakkomandazzjoni tal-Perit Ivan Bartolo fejn hu stess kien ghamillu l-*interview.* Meta gie mistoqsi fuq Sciberras u fuq affarijiet ohra huwa jghid hekk:

> *"Dan il-proxxmu xahrejn kull ma kien ilu hemm, jigifieri jiena fil-kariga tieghi dak il-hin ta' bord, l-ewwel nett ma kienx jigi tahti jew fuqi jew sebha jew dalam ghax dan kien jirrispondi biss lil Perit Bartolo. In-number two jiena mhux ha mmur nghid affarijiet ta' fejn konna wasalna dak iz-zmien bit-tender biex nifthemu fuq xi haga li dawn erbat ijiem ohra t-tenderers involuti kienu ha jkunu jafu anyway minn ghand il-kuntratti, jigifieri ma taghmel l-ebda sens. Dina gidba kontrija".*

Huwa jkompli jghid illi Alfio Sciberras kien kunfidenti hafna mal-perit Bartolo li anke hu kien fil-Kumitat aggudikattiv, sahansitra kienu ta' sikwit jinghalqu sighat twal go ufficcju jitkellmu.

Illi dawn il-proceduri huma msejsa fuq Artikolu partikolari tal-Ligi Kriminali u cioe` l-Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 li jghid hekk:

> *"Kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah igħarrafhom lil awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47) jew ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien*. »

Illi huwa pacifiku illi b'xi mod inkixef il-fatt sigriet illi zewg offerenti fit-*tender* tal-*Family Park* ta' Marsascala u dan skond Alfio Sciberras mill-imputat li kien qallu dan il-fatt.

Illi madanakollu, minkejja din id-dikjarazzjoni, ma gie ippruvat l-ebda kollegament fattwali u reali li b'xi mod jikkonduci l-imputat ma' din it-tixrida ta' informazzjoni.

Illi di piu` ma giex stabbilit min kien cempel b'mod anonimu lill Vincent Borg u l-anqas gie ppruvat xi irregolarita` fl-istorja lavorativa tal-imputat. Anzi dak li gie stabbilit illi l-imputat kien ilu jahdem mal-Wasteserv bhala *surveyor* ghal numru ta' snin u fejn huwa kien ilu jigi nominat fuq bordijiet u fuq kumitati aggudikattivi u fejn dan qatt ma kellu problemi f'dawn in-nomini.

Infatti din il-Qorti taraha ferm stramba li f'dan il-kaz qed jigi allegat li l-imputat xerred din l-informazzjoni u li giet minn persuna li kienet ilha biss xhur tahdem

il-Wasteserv u li kienet habiba ta' persuna ohra li kienet ukoll fil-Bord aggudikattiv. Illi di piu` il-fatt illi fl-ufficini tal-Wasteserv kien hemm nuqqas kbir ta' segretezza u sigurta` taghmilha ferm difficli li din il-Qorti ma jkollha dubju li din l-informazzjoni sigrieta setghet harget minn kwalunkwe persuna f'dawk l-ufficini.

Ghalhekk in vista ta' dan u in vista tal-fatt li l-unika xhieda li tikkolega l-imputat mar-reat hija dik ta' Alfio Sciberras liema xhieda ma tantx tikkunsidraha bhala kredibbli, ma tistax issib htija fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Joseph Mifsud** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih stante li ma gietx ippruvata oltre d-dubju dettat mill-ligi.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**